# Il-Ħuttafa

Numru **136**

Settembru – Ottubru 2016



**Ċikonja Bajda**

€2 għal min mhux membru

BirdLife MALTA

**Il-magażin ta' Klabb Ħuttaf**

Klabb Ħuttaf



## mill-Editur




Qatgħa mħallta ta' **agretti tal-bhejjem** (cattle egret) u **agretti bojod** (little egret).

Aron Tanti

# Ħbieb Ħuttaf

Jien spiss inqalleb l-Internet biex nitgħallem fuq in-natura. Fost l-annimali li nfittex dwarhom s'intendi hemm l-insetti.

Ħaġa li ssewwidli qalbi meta niggugilja fuq l-insetti hi li ħafna mit-tagħrif li jitla' ma jkunx fuq kemm huma sbieħ imma fuq x'għandek tagħmel biex teqridhom! Min jgħidlek kif tħallat velenu biex toqtol dudu, min jurik kif l-aħjar biex tgħarraq bejta tan-nemel, u min jispjegalek pass pass kif tagħmel *flame-thrower* biex tixwi bejta taż-żnażan! Gwerra sħiħa kontra l-insetti.

Sfortunatament ħafna nies tant tbiegħdu min-natura li jinfixlu meta jiġu wiċċ imb'wiċċ ma' annimal, żgħir kemm hu żgħir. Allaħares tidħlilhom id-dar imqar brimba daqs fullstop li ma jtihomx ġenn u jkunu jridu jitilqu bomba nukleari fuqha! Kemm għaġeb żejjed jaħasra, u kemm moħqrija u qtil għal xejn.

Dan l-għaġeb spiss jiġi għax in-nies ma jkunux jafu dwar l-annimali, u għalhekk jibżgħu minnhom. Jien naf li ħafna minnkom dħaltu fi Klabb Ħuttaf u fil-BirdLife biex titgħallmu fuq in-natura. Prosit, għax b'hekk tneħħu l-ħafna biża' u twerwir bla sens.

Meta nitgħallmu fuq in-natura mhux biss ingawdu aħna, imma tgawdi wkoll in-natura stess. Tgawdi wkoll dik il-brimba li daħlitlek id-dar mhux biex toqtollok il-familja, imma biex taqbad dubbiena. Ħeqq, għax forsi nsiet il-*lunch* id-dar!

Victor

**Victor Falzon** L-Editur



Victor Falzon

# FUQ QUDDIEM



Ritratt ta' Denis Cachia

**Iċ-ċikonja bajda** (white stork *Ciconia ciconia*) hija waħda mill-ikbar għasafar li jgħaddu minn Malta. Hija wkoll rari, għalkemm f'dawn l-aħħar snin xi qtajja' żgħar saru jidhru kull sena. Ħasra li xi kaċċaturi għadhom jiġġennu biex joqtlu dal-ġmiel ta' annimal.

## Kontenut


| | |
|---|---|
| Editorjal | 2 |
| Aħbarijiet | 3 |
| Ħajja fl-għadajjar | 4-5 |
| Attività | 6 |
| Intervista mal-busieq | 6 |
| Fjuri tal-ħarifa | 7 |
| In-negozju fil-pets | 8 |
| Is-Salina f'idejna! | 9 |
| L-Għadira s-Safra | 10-11 |
| Ġobon tat-toqba | 12 |


## Kitbu

Sean Bonello, Elisabeth Conrad, Desirée Falzon, Victor Falzon

## Klabb

Klabb Ħuttaf huma l-membri żgħar u żgħażagħ (-18yrs) ta' BirdLife Malta. Il-Klabb jorganizza ħarġiet fil-kampanja, żjarat f'riservi naturali, ħarġiet bil-lanċa u attività ambjentali. Kull xahrejn noħorġu l-magażin *Il-Ħuttafa* li l-membri jirċievu d-dar bil-posta. Sħubija fil-klabb hija €10 fis-sena. It-taqsima tal-membri li għalqu t-13 tissejjaħ **Falko**.

## Kuntatt

tel **21347645 / 21347646**
imejl **info@birdlifemalta.org**
imejl tal-magażin
**il-huttafa@birdlifemalta.org**
websajt **www.birdlifemalta.org**

Reg.Vol.Org. VO/0052

© BirdLife Malta, Ottubru 2016
Disinn u produzzjoni Victor Falzon
Stampat għand Poulton's Print Shop

# Il-lista tkompli titwal...

# Sparvier ġdid

Il-Buskett post tajjeb biex tara l-għasafar tal-passa, u Settembru huwa speċjalment tajjeb għat-tajr tal-priża.

Nhar is-27 Settembru 2016 wara nofsinhar grupp berdwoċers tal-BirdLife kienu hemm josservaw u jgħoddu l-għasafar. Dakinhar minbarra kuċċard, bgħadan u isqra, il-ħbieb tagħna raw ukoll għasfur ġdid għal Malta. Dan kien **sparvier tal-lvant** (levant sparrowhawk), għasfur li ġeneralment jgħix u jpassi bejn artijiet tal-Lvant u l-Afrika. Ma tantx jersaq lejn iċ-ċentru tal-Mediterran, fejn qegħdin aħna. Għalhekk tgħidx kemm ferħu sħabna li lemħu wieħed idur fil-baxx fuq rashom.

Minħabba li rawh tajjeb setgħu jagħrfuh u ndunaw ukoll li kien għasfur żagħżugħ. Wieħed mill-berdwoċers kellu l-kamera u ġibidlu xi ritratti, fosthom dan t'hawnhekk. L-isparvier imbagħad rawh nieżel fis-siġar biex jgħaddi l-lejl qabel ikompli l-vjaġġ.

Nawgurawlu li kompla l-passa tiegħu lejn l-Afrika bla nkwiet, xkiel, problemi, intoppi u ostakli :)



Aron Tanti

Sparvier komuni jkollu għajnejh sofor.

Sparvier tal-lvant ikollu għajnejh skuri.






Grazzi lill-ħabib tagħna **Ray Galea** li tana t-tagħrif u anke r-ritratt.

**Numru totali ta' speċi**

**405**

**li dehru f'Malta**







# Wara mitt sena...

# Faqqsu l-fkieren!




Il-bejta tal-fekruna tal-baħar li kien hemm fir-Ramla tal-Mixquqa faqqset b'suċċess. Kmieni filgħodu nhar is-27 Settembru 2016 xi 66 'fkejruna' faqqsu u b'ħafna tperpir tad-dirgħajn ħaffew lejn il-baħar.

**Din kienet l-ewwel darba li dil-ħaġa ġrat f'pajjiżna mill-ewwel snin tas-Seklu Għoxrin 'l hawn.**

Prosit lill-fkieren li faqqsu u prosit lill-mamà tagħhom li bidithom b'tant għaqal. Nawgurawlhom li jiskansaw il-perikli kollha tal-baħar u jikbru b'saħħithom.

Ngħidu prosit ukoll lil dawk il-voluntiera tas-sigħat twal li għamlu għassa mal-bejta bil-lejl u binhar.



**Il-fkieren tal-baħar spiss ibidu fl-istess ramliet li jkunu faqqsu fihom. Min jaf xi 20 sena oħra jitfaċċawx xi fkieren minn dawk li faqqsu Malta, u jbidu fir-Ramla tal-Mixquqa!**



# Il-ħajja madwar l-għadajjar tal-ilma ħelu




1 **damiġella** *Ischnura genei*
2 **mazzarell sultan** *Anax imperator*
3 **żunżana tax-xehda** *Polistes gallicus*
4 **mazzarell skarlat** *Crocothemis erythraea*
5 **żrinġ** *Discoglossus pictus*
6 **kaħlan tal-faxx** *Orthetrum cancellatum*
7 **vjolett** *Trithemis annulata*
8 **żagħrun tal-ġwiebi** *Daphnia pulicaria*
9 **spiroġira** *Spirogyra sp.*
10 **ħanex tal-bjar** *Chironomidae*
11 ferħ ta' **mazzarell sultan** *Anax imperator*
12 ferħ ta' **damiġella** *Ischnura genei*
13 **wirdiena tal-ilma** *Dytiscus circumflexus*
14 ferħ ta' **ninfa** *Cloeon sp.*
15 dudu ta' **dubbiena moqrana** *Stratiomys sp.*
16 **ħanfusa sewda tal-għadajjar** *Meladema coriacea*
17 **mqass tal-ilma** *Notonecta maculata*
18 **bebbuxu tal-ilma ħelu** *Physa acuta*
19 **lemna komuni** *Lemna minor*
20 marżebb ta' **żrinġ** *Discoglossus pictus*

Jekk għandkom vaska fil-ġardina jew tafu b'waħda fi ġnien publiku viċin tagħkom, morru ċċekkjawha ftit.




Tpinġija Victor Falzon

Hawn Malta neqsin ħafna mill-ilma ħelu. La għandna xmajjar u lanqas muntanji bil-borra fil-quċċata. L-istaġun tax-xita huwa qasir u l-ftit xita li tagħmel tinxef malajr bis-sħana tax-xemx. Minħabba l-klima niexfa tagħna, annimali u pjanti li jħobbu l-ilma ħelu ma tantx għandhom fejn jgħixu f'pajjiżna.

B'xorti tajba uħud minn dawn il-ħlejjaq kapaċi jgħixu anke fil-vaski ġol-ġonna jew fil-ġwiebi u l-ġibjuni mxerrdin mar-raba' fil-kampanja. Għalkemm dawn huma għadajjar artifiċjali, diversi ħlejjaq isibuhom komdi biex jgħaddu ħajjithom jew parti minn ħajjithom f'dan l-ilma prezzjuż.

## Is-Sibt u l-Ħadd 5 u 6 Novembru 2016



**Familja** Open weekend fir-riserva naturali tas-Salina. Berdwoċing, logħob, eċċ.

## Il-Ħadd 13 Novembru 2016



**Falko** Mixja fl-inħawi tad-Dwejra u l-Victoria Lines




## Il-Ħadd 13 Novembru 2016



**Familja** Rakkont ta' stejjer fir-riserva naturali tas-Simar

## Il-Ħadd 20 Novembru 2016



**Familja** Attività fl-okkażjoni tal-Jum Dinji tat-Tfal fl-iskola sekondarja tal-Gżira



## Il-Ġimgħa 25 Novembru 2016

**Falko** serata film.

## Il-Ħamis 8 Diċembru 2016



**Familja** Passiġġata fir-riserva naturali Foresta 2000

## Il-Ħadd 11 Diċembru 2016



**Falko** Mixja l-Imtaħleb

Għal aktar tagħrif ibagħtu imejl lil
**info@birdlifemalta.org**
jew ċemplu
**21347644/5/6**

# Intervista ma' fjura




Aron Tanti




Bonġu, Busieq.
Bonġu lilek.

Skużani kważi rfistek.
Tajtni qatgħa, biex ngħidlek!

Daqs kemm int qasira!
X'tagħmel! Mhux kulħadd twil bħall-għansar. U wara kollox jien it-tul x'irridu. Kuntenta kif jien.

Dak l-aqwa. U għalkemm żgħira għandek fjuri l-ġmiel tagħhom.
Grazzi, grazzi.

Imma m'iniex naralek weraq. Għadek ħa ttellagħhom?
Le ta, jien daż-żewġ werqiet biss kull ma jkolli. Hawn arahom.

Il-aħwa kemm huma rqaq! Dawk biżżejjed biex inti tikber?
Kif tara jien pjanta qasira, għalhekk m'għandix bżonn ħafna enerġija.

Imma trid enerġija biex iżżomm ħajja sena sħiħa...
Is-sigriet tiegħi huwa l-basla li għandi taħt il-ħamrija. Wara li nagħmel iż-żerriegħa, innixxef kollox u nagħmel ħafna xhur rieqda bħala basla.

Sal-ħarifa tas-sena d-dieħla?
Sal-ħarifa tas-sena d-dieħla!

Prosit, sistema tajba! Busieq, ħa jkolli nħallik. Ċaw u saħħa.
Saħħa lilek. Ara fejn timxi...

# Fjuri tal-Ħarifa




Ħafna mill-fjuri ta' Malta jiftħu fir-rebbiegħa.

Numru sabiħ ieħor jiftħu fix-xitwa.

Xi ftit anke jiftħu fil-qilla tas-sajf.

Fil-ħarifa wkoll ma tantx jiftħu fjuri.

Il-pjanti jkunu għadhom kemm qamu mir-raqda tas-sajf!

Dawn ftit mill-pjanti li jwarrdu proprju fil-ħarifa.


Alex Casha


Victor Falzon


Aron Tanti


Desirée Falzon


Victor Falzon


Desirée Falzon


Victor Falzon


Victor Falzon

Il-fjuri tax-**xorbett** qishom xmux sofor.

Iċ-**ċfolloq** jagħmel fjuri sofor ileqqu.

Il-weraq tal-**ispraġ xewwieki** jniggeż.

In-**narċis imwaħħar** għandu fjuri bojod.

Il-fjuri tal-**kiesħa** qishom qniepen.

Il-fjura taż-**żagħfran selvaġġ** hija vjola.

Is-**siġra tal-ħarir** tagħmel fjuri qishom skrejjen kannella.

Il-**liedna** tagħmel fjuri f'bukketti qishom blalen.



Sean Bonello

# negozju fil-pets

**Il-*pet trade* hija problema ambjentali li ħafna nies lanqas biss konxji minnha. Hija industrija kbira li tneħħi annimali mill-ħabitat tagħhom biex jinbiegħu u jitrabbew bogħod minn darhom.**

Tajjeb li l-ewwel nagħmlu distinzjoni bejn annimal domestiku u annimal selvaġġ. Annimali domestiċi bħal klieb, qtates u fniek ilhom jitrabbew u jgħixu man-nies eluf tas-snin u llum-il ġurnata l-ambjent naturali tagħhom huwa proprju d-djar, il-btieħi u l-ġonna tagħna.

Mill-banda l-oħra annimal selvaġġ jitwieled u jgħix fil-ħabitat naturali tiegħu u spiss bogħod mill-bniedem. Il-*pet trade* li qed tagħmel ħsara hi dik li tinnegozja f'annimali li jinqabdu mis-selvaġġ (spiss b'mod illegali).

Kultant jgħidulek: "Sakemm dawn l-annimali jgħixu snin sħaħ ma saritx ħsara, hux?" Ħafna nies jirraġunaw hekk, u dan hu skorrett. Għalkemm ħafna speċi kapaċi jibqgħu ħajjin fit-tul f'ambjenti artifiċjali, ma jfissirx li qed jgħixu tajjeb u komdi, jew li b'daqshekk ma saritx ħsara lill-ispeċi.

## Xi ħsara tagħmel il-*pet trade*?

It-traffikar ta' annimali mis-selvaġġ qed iċekken il-popolazzjoni tagħhom mill-ambjent naturali. Il-*pet trade* qed tikkaġuna l-estinzjoni ta' ħafna speċi. Il-qbid tal-annimali mis-selvaġġ ifixkel ukoll l-ekosistemi għax jinqatgħu l-ktajjen tal-ikel (*foodchains*) li dawn l-annimali kienu parti minnhom.

Barra minn hekk fin-nases u l-imnasab li jitpoġġew jinqabdu u jmutu wkoll ħafna speċi bi żball. Pereżempju xi ħut tropikali jaqbduh billi jużaw velenu li jistordi l-ħut imma li joqtol kwantità kbira ta' annimali oħrajn fl-inħawi.



Meta fl-2003 ħareġ il-film *Finding Nemo* ħafna nies iġġennu biex irabbu l-*clown fish*. Bdew jinqabdu mis-selvaġġ bil-gzuz, tant li f'xi nħawi nqerdu għal kollox. Issa li ħareġ il-film *Finding Dory* nisperaw ma jiġrix l-istess lill-*blue tang fish*, il-ħuta protagonista tal-film.

Tajjeb insemmu wkoll li ħafna mill-annimali li jinqabdu mis-selvaġġ imutu fi ftit ġranet jew ġimgħat. Dan għaliex l-annimali spiss jinġarru f'kundizzjonijiet ħżiena ħafna, u numru kbir ma jirnexxilhomx jgħixu tul il-vjaġġ. X'ħasra!

## X'annimali huma vittmi tal-*pet trade*?

Eluf ta' speċi ta' annimali huma vittmi ta' dan il-kummerċ. Fost l-iktar popolari huma fkieren, xadini, sriep, ħut u għasafar. Eżempju li spiss naraw Malta fil-petshops huwa l-pappagall African Grey (ritratt ta' fuq). F'xi 30 sena sas-sena 2005, tneħħew xi 1.3 miljun għasfur ta' din l-ispeċi min-natura fl-Afrika. Dan wassal biex il-popolazzjoni selvaġġa naqset ħafna, u issa din l-ispeċi hi mhedda li tinqered għal kollox mid-dinja.



Loris, vittma oħra

Ħafna ħut tropikali għadu jinqabad mix-xmajjar u mill-baħar minkejja liġijiet u kontrolli. L-istess ħafna gremxul u wiżgħat, u fost il-mammiferi barra xadini hemm ukoll lemuri, qtates u gerriema (*rodents*).

## X'qed isir biex titnaqqas il-problema?

Saru ħafna liġijiet u pressjoni internazzjonali fuq diversi pajjiżi Ażjatiċi u mill-Amerka t'Isfel biex in-negozu fl-annimali jiġi kkontrollat u jitnaqqas. Isiru kontrolli fuq il-bejgħ u l-esportazzjoni mill-post naturali tagħhom u ma tgħaddix ġimgħa li ma jinqabadx xi ħadd qed iġorr jew ibiegħ annimali bla permess.

Il-problema kbira hi li għad hemm wisq domanda għal dawn l-annimali eżotiċi, u dan jagħmilha diffiċli biex jitnaqqas in-negozju fihom. Is-soluzzjoni għal din hija l-edukazzjoni.

## Aħna x'nistgħu nagħmlu?

Aħna stess għandna nevitaw li nixtru dawn l-annimali bħala pets, u jekk inkunu nafu lil xi ħadd li qed jitħajjar għandna nqajmu kuxjenza dwar is-suġġett.

Il-futur tal-ambjent naturali jiddependi minna, u għandna nkunu aħna hemm biex niddefenduh!






# Is-Salina f'idejna!

**Hekk hu! Ftit ġranet ilu l-gvern għadda t-tmexxija tas-Salina f'idejn il-BirdLife.**

- Is-Salina hija waħda mill-ikbar riservi naturali f'Malta u hija wkoll sit Natura 2000.
- L-ambjent tas-Salina jiġbed diversi għasafar, speċjalment tajr tax-xatt bħal pispisell, irsieset u anke fjamingi.
- F'dan is-sit jikbru wkoll diversi pjanti, uħud minnhom rari u endemiċi.
- Fl-ilma tal-kanal jgħix il-bużaqq, il-ħuta nazzjonali.
- Is-Salina għandha wkoll valur storiku għax is-salini nbnew fis-Seklu 16 mill-Ordni ta' San Ġwann biex jipproduċu melħ għall-pajjiż.
- Ftit mis-salini ħa jerġgħu jibdew jitħaddmu biex nieħdu l-melħ mill-baħar. Il-bqija ħa jitħallew bħal għadajjar baxxi għan-natura.
- Il-BirdLife se tagħmel minn kollox biex Is-Salina ssir kalamita ikbar għan-natura. U għan-nies li jħobbuha!














Kemm hemm salini fis-Salina?



Tweġiba paġna 10

Ritratti f'dil-paġna: BirdLife Malta, Alex Casha, Victor Falzon, Aron Tanti




Victor Falzon

Natura 2000
Natura mħarsa

Elisabeth Conrad

# L-Għadira s-Safra

Bil-mod il-mod resqin lejn it-tmiem ta' din in-sensiela. Jonqos biss ftit siti Natura 2000 illi għadna ma dorniex. Illum ser nitkellmu fuq sit pjuttost żgħir li jagħmel max-Naxxar. Dan is-sit jismu L-Għadira s-Safra u jinsab viċin it-torri tal-Għallis, f'xatt il-baħar.

## Ambjent jinbidel spiss

L-importanza tal-Għadira s-Safra tiġi mill-fatt li l-ambjent t'hawnhekk huwa rari fil-Gżejjer Maltin. Dan huwa ambjent li bl-Ingliż jgħidulu *transitional coastal wetland*, jiġifieri ambjent max-xatt li huwa influwenzat kemm mill-ilma ħelu kif ukoll mill-ilma baħar. Il-blat tal-Qawwi ta' Taħt li nsibu mal-kosta hawnhekk fih diversi għadajjar, li daqqa jkunu mimlijin bl-ilma u daqqa nixfin. F'xi żmien jimtlew bl-ilma baħar li jinġarr mir-riħ u mill-mewġ. Fix-xitwa jew meta tagħmel ix-xita, però, l-għadajjar jimtlew ukoll bl-ilma ħelu, u minħabba dan it-taħlit ta' ilmijiet, spiss insibu kundizzjonijiet salmastri.

### Fejn hi?



L-Għadira s-Safra qiegħda bejn Baħar iċ-Ċagħaq u s-Salina.

## Flora rari u unika

Kif diġà rajna f'ħarġiet oħrajn, il-flora u l-fawna li kapaċi jgħixu f'dawn l-ambjenti salmastri huma speċjalizzati ħafna.

Victor Falzon




Meta ftit ilu reġgħet inbniet il-Coast Road, dil-parti tat-triq tressqet 'il ġewwa xi ftit metri. B'hekk l-art fejn kienet it-triq il-qadima (fil-mappa mdawra bl-isfar) issa tista' bi ftit ħsieb u kura tingħata lura lin-natura. U forsi L-Għadira s-Safra tista' tikber xi ftit.

Sabbara hija pjanta aljena li qed tinfirex f'xi nħawi tal-kampanja. Fir-ritratt ta' fuq jidhru tlieta.

*Agave americana*

Area tas-sit 1.54ha

**ha** = ettaru (10,000m$^2$)



Fis-Salina hemm 35 salina.






Fl-Għadira s-Safra nsibu numru ta' pjanti li jew f'Malta jinstabu hawn biss, jew fi ftit postijiet oħra biss. Fost il-flora ta' dan is-sit hemm speċi bħall-**kressa**, il-**lewża tal-baħar**, il-**bebuna tal-baħar**, u speċi oħrajn li ftit huma magħrufin man-nies, tant li uħud għad m'għandhomx isem bil-Malti!


**lewża tal-baħar**

## Eqdem mid-dinożawri

L-Għadira s-Safra hija wkoll waħda minn ftit biss siti f'Malta fejn instab il-**gamblu tal-elmu**, li huwa fost l-eqdem annimali fid-dinja. Dan il-gamblu ilu jeżisti xi 220 miljun sena, jiġifieri minn qabel id-dinożawri! Jekk tqabblu mal-200,000 sena li ilu jeżisti l-bniedem tinduna li din l-ispeċi hija elf darba aktar antika minna. Fil-fatt il-gamblu tal-elmu huwa wieħed minn dawk l-ispeċi li ngħidulhom fossili ħajjin, għax għadhom jgħixu llum bl-istess forma li kellhom ħafna ħafna żmien ilu.

Din l-ispeċi kienet kapaċi tkampa tant fit-tul minħabba li hija adatta sew għall-kundizzjonijiet diffiċli li tgħix fihom. L-annimal jgħaddi miċ-ċiklu tal-ħajja malajr ħafna, fi żmien ġimagħtejn jew tlieta. Meta l-ilma tal-għadajjar jinxef, il-bajd li jkunu biedu kapaċi jibqgħu ħajjin fit-tajn niexef għal għexieren tas-snin, sakemm l-għadira terġa' timtela bl-ilma... u ċ-ċiklu jerġa' jibda.

Minbarra li huwa sit Natura 2000, l-Għadira s-Safra hija wkoll skedata bħala Sit ta' Importanza Ekoloġika u bħala Sit ta' Importanza Xjentifika. Minkejja li hija waħda mill-iżgħar siti Natura 2000 u forsi mhux daqshekk spettakolari mad-daqqa t'għajn, kif rajna hija xorta waħda post tassew uniku fil-wirt naturali ta' Malta.

Desirée Falzon


**Gamblu tal-elmu**
*Tadpole shrimp*
*Triops cancriformis*


**Bebuna tal-baħar**
*Maltese sea chamomille*
*Anthemis urvilleana*

Desirée Falzon

Desirée Falzon






# Pajjiżna qed inġibuh






# ġobon tat-toqba.

**Malta qiegħda timtela bit-toqob – toqob kbar ħafna jgħidulhom barrieri! Il-barrieri jitħaffru għall-ġebel, għaż-żrar u għar-ramel. Ħafna minn dal-materjal jintuża għall-bini ta' djar, apartamenti u bini ieħor. Il-ħasra hi li f'Malta hawn 73,000 djar u apartamenti vojta. Kieku jitranġaw u jintużaw dawn il-postijiet vojta flok dejjem jinbena l-ġdid, nofs il-barrieri ma jkollniex bżonnhom. Ara kemm konna niffrankaw, trabijiet, dħaħen, storbju, traffiku, fjuwil, dawl... u qerda tal-ambjent.**














